# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-tnejn u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 21 ta' April 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Mifsud Michael |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 51**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund*** *:* Is-Sindku nforma li konna ghadna rridu napplikaw peress li gie stabbilit li ghandna bzonn is-servizz ta' perit. Gie deciz li ghal Progett tal-Pjazza titqabbad il-Perit Janice Zahra.

**3.2** ***Para 3.3 – Torri tas-Semaforu*** *:* Is-Sindku ta' rendikont tax-xoghol li twettaq mill-ahhar laqgha l-hawn. Huwa qal li hemm bzonn li ssir applikazzjoni lill-MEPA qabel ma tkun tista issir l-applikazzjoni ma l-Enemalta ghall-provvista tad-dawl. Dan gie unanimament approvat kif ukoll gie approvat il-hlas li jrid jsir lill-MEPA ma l-applikazzjoni. Gie unanimament approvat li l-arblu tal-bandiera jitwahhal fejn jindikalna l-Perit responsabbli mill-restawr. Gie deciz ukoll li jingiebu stimi sabiex tinbena fossa u stimi sabiex ssir lapida ta' l-okkazjoni. Il-Kunsill unanimament accetta l-istima ta' Hal Mann Ltd ta' €476 ghall-provvista u twahhil ta' bank u hwat ghax-xitel pero' gie deciz li dawn jinxtraw wara li jigi ikkunsultat il-Perit. Gie unanimament approvat ukoll ix-xiri tal-*folding door* ghat-*toilet* minghand Vical Interiors ghas-somma ta' € 120. Wara diskussjoni gie unanimament approvat li r-restawr tat-torri jigi inawgurat fit-12 ta' Lulju 2009 mill-Onor Ministru George Pullicino fil-prezenza tas-Sindku u l-Kunsillieri.

**3.3** ***Para 3.5 – Lokalitajiet sostenibbli*** *:* Is-Sindku nforma li l-avvizi tal-laqgha kienu tqassmu lir-residenti kollha kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.4** ***Para 3.6 – Triq Santa Katerina*** *:* Is-Sindku qal li konna ghadna qed nistennew aktar dettalji minghand il-W.S.C. u gie deciz li jekk naraw li dawn ser jibqghu itawwlu minghajr ma jiehdu decizjoni, l-Kunsill jipproponi data hu sa meta jkun irid li jitlesta x-xoghol mill-W.S.C. Dan sabiex ikun jista jibda kemm jista jkun malajr ix-xoghol

tat-tarmak.

**3.5** ***Para 3.8 – Patching fi Triq Dun K.Vella*** *:* Is-Sindku nforma li dan ix-xoghol kien sar.

**3.6** ***Para 3.8 – Parking Bays fi Triq Stiefnu Zerafa****:* L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat fl-ahhar laqgha kien ser isir fil-granet li gejjin.

**3.7** ***Para 3.10 – Laqgha mal-Pulizija****:* Is-Sindku talab lill-Agent S.E. sabiex jitlob lil-Pulizija data ohra ghal laqgha.

**3.8** ***Para 3.11 – Scouts fil-Gharghur****:* Il-Kunsillier P. Fenech informa li kienet saret laqgha ohra mal-genituri li ghaliha kienu attendew ukoll ufficjali ta' l-iScouts u aktar tard din il-gimgha ser issir laqgha ohra ma' dawk responsabbli mid-Distrett.

**3.9** ***Para 5.2 – Parking Bay safra fi Triq il-Kbira****:* L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat fl-ahhar laqgha kien sar.

**3.10** ***Para 6.5 – Gemellagg ma' Riano*** *:* L-Agent S.E. informa li konna ktibna kif approvat fl-ahhar laqgha pero' sa issa konna ghadna ma rcivejna l-ebda risposta.

**3.11** ***Para 7.2 – Standard*** *:* L-Agent S.E. ipprezenta l-istima li rcivejna minghand Jacap Ltd ghax-xiri ta' l-istandard u din kienet ta' € 452 VAT inkluz. Din giet approvata unanimament.

**3.12** ***Para 7.3 – Qtugh ta' haxix*** : Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-haddiem attached mal-Kunsill kien infurmah b'makkinarju li jaqta l-haxix u li dan li jista jinkera ghall-prezz ta' €58 kull jum. Gie unanimament deciz li bhala prova dan il-mutur ghandu jinkera ghal jumejn sabiex isir il-qtugh ta' haxix fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

**3.13** ***Para 7.4 – Riforma Trasport Pubbliku*** : L-Agent S.E. informa li l-ittra lid-Dipt. koncernat kienet ser tintbghat din il-gimgha.

**3.14** ***Para 7.5 – Applikazzjonijiet 313 u 323*** : L-Agent S.E. ipprezenta l-istima ta' €750 tal-Perit Janice Zahra sabiex thejji d-dokumentazzjoni mehtiega li tigi sottomessa ma l-applikazzjoni. Din giet approvata unanimament kif ukoll gie deciz li niktbu lid-Dipt. ta' l-Artijiet u nitolbu d-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery* sabiex din tkun inkorporata fil-progett ippjanat jekk tigi approvata l-applikazzjoni ghall-fondi.

**3.15** ***Para 7.6 – Kont Triq il-Gdida*** : Is-Sindku nforma li l-Kunsillier M. Mifsud kien ghadu jrid jiltaqa ma' Hector Camilleri mill-Bitmac Ltd sabiex jerga jitkejjel ix-xoghol li sara halli jigi ivverifikat il-kont pendenti.

**3.16** ***Para 7.10 – Xoghlijiet GO p.l.c.*** : L-Agent S.E. informa li ghada kien ser ikollu laqgha ma' ufficcjali minn GO p.l.c. sabiex naraw ezatt fiex jikkonsistu t-talbiet taghhom qabel ma junu jistghu jinhargu l-permessi sabiex isir ix-xoghol.

**3.17** ***Para 7.11 – Youth Exchanges*** : Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien kellem lil ufficcjali mill-MEUSEC dwar dan is-suggett u dawn weghduh li ser jaghmlu laqgha maghna wara l-11 ta' Mejju 2009.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba verbali minn resident sabiex isiru *Parking Bays* fil-Pjazza u fi Triq Mons. L. Catania. Din it-talba giet approvata unanimament.

**5.2** Ilment bil-miktub minn residenta dwar ilma li qed jingabar taht il-bankina ta' quddiem ir-residenza taghha kawza ta' rampa li allegatament saret minn gar taghha fi Triq Stiefnu Zerafa. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ikellem lil sid il-garaxx fejn saret ir-rampa u jitolbu jaghmel ix-xoghol mehtieg halli l-ilma jkun jista jibqa ghaddej minn taht ir-rampa minghajr ebda ostaklu.

**5.3** Talba bil-miktub minn residenta sabiex jerga jinbena hajt tas-sejjieh li hemm f'ghalqa privata fid-dahla ta' Triq Indipendenza kantuniera ma' Triq Caravaggio. Il-Kunsill innota li peress li dan il-hajt jinsab f'art privata ma jistax jintervjeni kif talbet ir-residenta pero ser jipprova ikellem lil sid il-ghalqa u jitolbu jibni kif suppost il-hajt.

**5.4** Ilment li deher fil-harga tal-bierah tal-gurnal *The Times* dwar allegat uzu ta' residenza privata bhala stalla taz-zwiemel fi Sqaq Charlotte. Is-Sindku nforma li dan l-ilment kien diga gie riferut lill-Pulizija f'Dicembru 2008 u issa konna ergajna kellimna lill-Pulizija sabiex jiehdu l-passi necessarji li hemm bzonn.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 25/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Fondi Specjali ghal Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jitlob ghal fondi sabiex ikun jista jsir studju dwar l-impatt li il-*Master Antenna* ta' Triq Fidiel Zarb jista jkollu fuq ir-residenti tal-lokalita'.

**6.3** Korrispondenza mill-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn gejna nfurmati li l-elezzjoni li jmiss tal-Kunsill Lokali fir-rahal kienet ser issir fl-2012 u mhux fl-2010 kif kien ippjanat qabel.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza mill-iSkola Primarja Gharghur dwar *sponsorship* ta' medalji fl-okkazjoni ta' l-i*Sports Day* ta' l-iskola.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jisponsorja l-

medalji kif mitlub.

**6.5** Korrispondenza minghand l-ADT dwar Parking Bays ghal persuni fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li nitolbu lil-ADT sabiex il-*Parking Bay* li ntlabna sabiex innehhu fi Triq 31 ta' Marzu titnehha mill-ADT u mhux mill-Kunsill.

**6.6** Korrispondenza minghand l-Onor. Dr Stefan Buontempo, Kelliem Ewlieni Laburista ghall-Gvern Lokali dwar kummenti fir-rigward ir-riforma tal-Kunsilli mhabbra dan l-ahhar mil-Gvern.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Korrispondenza mill-AKLM dwar il-laqgha tas-Sindki li ser issir bejn it-8 u d-9 ta' Mejju 2009.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku ikkonferma li huwa kien ser jattendi.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku ta' dettalji dwar il-partecipazzjoni tieghu fil-programm Leader u spjega li fil-futur qarib kienu ser isiru laqghat ghall-Kunsillieri u r-residenti kif ukoll it-tqassim ta' fuljett f'kull dar b'informazzjoni dwar il-progett. Sadanittant il-Kunsill unanimament approva l-kontribuzzjoni li l-Kunsill irid jaghmel bhala wiehed mill-partners f'dan il-programm.

**7.2** Is-Sindku nforma li fi Triq Kromb il-Bahar kienet wehhlet bozza minflok fanal li kien tkisser minn xi hadd mhux maghruf u li wara kien instab imkisser gewwa ghalqa fil-vicinanzi. Il-Kunsill Lokali filwaqt li ikkundanna t-tkissir tal-fanal unanimament approva x-xiri tal-bozza.

**7.3** Is-Sindku nforma li fil-gejjieni qarib kienu ser jinhargu aktar offerti ta' Fondi Specjali mill-Gvern Centrali.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inaqghad mal-Kunsill fit-7:55 p.m.***

**7.4** Il-Vici Sindku M. Azzopardi u l-Kunsillieri P. Fenech u A. Muscat infurmaw lill-Kunsill dwar il-laqgha li huma kellhom ma' delegazzjoni mill-Comune ta' Treglio fl-Italja. Huma qalu li jidher li hemm interess li jsiru tahdidiet bi skop ta' gemellagg u gie deciz li l-Kunsill jibqa jahdem fuq dan il-binarju. Il-Kunsillier A. Muscat informa wkoll li aktar kmieni llum id-delegazzjoni Taljana kienet zaret il-Gharghur fuq zjara ta' ftit minuti.

**7.5** Is-Sindku nforma li kien gie avvicinat mis-Sur Isaac Aquilina f'isem l-Ghaqda tan-Nar San Bartilmew u dan infurmah bil-programm li qed jithejja sabiex is-sena d-diehla jigi iccelebrat l-100 sena anniversarju mit-twaqqif tal-kamra tan-nar fir-rahal. Il-Kunsill gie mistieden sabiex ikun wiehed mill-organizzaturi principali ta' din l-attivita' kif ukoll jisponsorja il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar l-istorja tan-nar fir-rahal taghna. Il-Kunsill Lokali unanimament approva li jippartecipa f'dawn l-attivitajiet kif ukoll jaghti s-sehem tieghu. Rigward il-pubblikazzjoni tal-ktieb gie unanimament deciz li tinkiseb aktar informazzjoni qabel tittiehed decizjoni finali.

GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fit-8:10 p.m.***

**7.6** Il-Kunsillier A. Muscat ipprezenta l-programm *draft* ghac-celebrazzjoni ta' Jum il-Gharghur 2009. Gie deciz li din is-sena jerga jinghata l-premju Gieh il-Gharghur u wara diskussjoni bhala ismijiet preliminarji gew unanimament rakkomandati : Alfred Cuschieri, Ursolina Aquilina, Giljan Bezzina u Bartilmew Camilleri. Il-Programm t'attivitajiet (anness) gie unanimament approvat kif emendat.

***Il-laqgha ntemmet fid-8.30 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 5 ta' Mejju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |